# LEĦEN IL-PARROĊĊA

ta' Ħal Safi



*Festa*
*2021*

**Ħarġa**
**No. 43**

# *Leħen il-Parroċċa ta'* Ħal Safi




**Ritratt tal-faċċata:**
Panew li juri il-konverżjoni ta' San Pawl, li jifforma parti mill-Gallarija tal-orgni tas-seklu XVI / XVII li kienet fil-Katidral medjevali tal-Imdina, illum fil-Mużew tal-istess Katidral.

**Bord Editorjali**

*President:*
Kappillan
Kan. David Farrugia

*Editur:*
Dorian Baldacchino

*Ritratti:*
Carl Farrugia
Kan. David Farrugia
Dorian Baldacchino

*Indirizz:*
21, Triq Santa Marija,
Safi - SFI 1211
Tel: 21649223

**Issettjat u Stampat**
**Print Right Ltd. - Qormi**
**Tel:** 21250994
**Mob:** 99490344
**e-mail:**printright@onvol.net

# F'din il-Ħarġa

**1.** Editorjal

**3.** Messaġġ mill-Kappillan

**7.** Messaġġ minn Dun Karm Zammit

**9.** Messaġġ minn Dun Tony Pace

**13.** Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2020-2021

**20.** Ritratti tal-Manutenzjoni li saret fil-Knisja

**21.** Ritratti tal-Manutenzjoni li saret fil-Knisja

**27.** Ċelebrazzjonijiet

**28.** Programm tal-Festa 2021

**29.** Programm tal-Festa 2021

**30.** Memorji tal-Festa 2020

**33.** Rendikont Festa San Pawl 2020

**37.** Pandemija li qed tkiddna

**44.** Mir-Reġistri tal-Parroċċa

**48.** Arbural





Editorjal

*Dorian Baldacchino*

## Tama sħiħa quddiem Futur tant mistur

Kull deċiżjoni jew azzjoni li jkollna fil-ħajja tagħna, kemm fit-tajjeb jew fil-ħażin, tħalli l-effetti tagħha kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Żgur, li din il-pandemija li laqtitna, ħalliet l-effett tagħha fuq il-psikoloġija tal-bniedem minħabba li filli konna mixjin b'mod normali u filli bdejna nħossu anzjetà u biża', ħafna drabi frott ta' adattamenti li ġejna mitluba nagħmlu sew fejn jidħol studju, sew fejn jidħol xogħol, kif ukoll b'varjetà sħiħa ta' konsegwenzi li din il-pandemija ġabet magħha. Imma, minkejja dan kollu, il-bniedem għandu jibqa' jittama li xi darba għadd jisbaħ jum aħjar, bit-tama li nerġgħu lura għan-normalità. Mingħajr tama jew skop, ħajjitna faċilment taqa' f'disperazzjoni. Dak kollu li nagħmlu f'ħajjitna nagħmluh għax hija tama li żżomm il-bniedem għaddej. Kif tikteb il-poetessa Emily Dickson:

*It-tama hija dak ir-rix*
*Li jistrieħ fuq ir-ruħ*
*Tkanta l-melodija mingħajr kliem*
*U ma tieqaf qatt.*

Il-bniedem jista' jgħix 40 jum bla ikel, 3 ijiem bla ilma, 8 minuti bla ossiġenu, imma, hekk kif jistqarr Harold Lee Lindsey, ma jistax jgħix sekonda waħda biss bla tama. Awtur ieħor, Viktor Frankl, fil-ktieb tiegħu *'Man's Search for Meaning'* (1946) jiġbor fih numru ta' esperjenzi li għadda minnhom bħala priġunier Lhudi f'diversi kampijiet tal-konċentrament fi żmien ir-reġim Nażista. Hu jgħid li kienu draw jagħrfu meta priġunier kien ikun wasal biex imut: meta persuna tiddeċiedi li tiekol il-ħobż kollu li tkun warrbet kemm ilha hemm, jew meta tagħżel li ma tagħmel xejn flok tkompli bid-doveri tagħha fil-kamp. Dawn kienu jkunu sinjali ċari li l-persuna kienet tkun tilfet it-tama li tgħix, u l-ġurnata ta' wara ħafna drabi kienet tmut.

F'ħajjitna żgur niltaqgħu ma' sitwazzjonijiet fejn inħossuna li fallejna, maqbudin ġo morsa bid-dwejjaq jew l-inkwiet li nkunu għaddejjin minnhom kemm fuq livell personali jew inkella familjari, imma fl-aħħar mill-aħħar dan mhux it-tmiem ta' kollox. Fil-ktieb*'Żammejt Rasi Għolja'* Kristina Valcheca, tabiba Bulgara, tikteb li minkejja li s-sitwazzjoni tkun diffiċli u bla ebda tama, f'ħajjitna dejjem jitfaċċaw mumenti jew

sitwazzjonijiet oħra li jerġgħu jġibu t-tama u l-fidi. Sakemm tkun għadek tieħu n-nifs kollox jista' jkun possibbli għax it-tama hija l-aħħar li tmut. L-awtriċi kitbet dan mill-esperjenza tagħha, għax hi, flimkien ma' 5 tobba oħra, ilkoll kienu ġew miżmuma l-Libja fl-1999 u mitfugħin il-ħabs għal 8 snin. Eventwalment ġew ikkundannati għall-mewt fuq allegazzjoni ta' infettar volontarju ta' tfal Libjani bil-HIV/AIDS. Biss l-esperti dejjem ikkonfermaw l-innoċenza tagħhom u kien fl-2007 li ġew meħlusa mill-akkużi.

Li hu żgur hu li qatt ma għandek tibża' tafda l-futur li ma tafx f'idejn Alla li taf. Kif jgħid il-Papa San Ġwanni XXIII: *"Tikkonsultax mal-biżgħat tiegħek, imma mat-tamiet u l-ħolm tiegħek. Aħseb mhux fil-frustrazzjonijiet tiegħek, imma fil-potenzjal li ma wettaqtx. Tinkwetax dwar dak li ppruvajt u ma rnexxilekx, imma dwar dak li xorta tista' tagħmel."*

Finalment nagħlaq din ir-riflessjoni li tintroduċi l-Programm tal-Festa għal din is-sena 2021 billi għan-nom tal-Parroċċa nirringrazzja lil kull min ta sehmu biex din il-ħarġa setgħet tkun possibbli. Radd il-ħajr speċjali jmur għall-artikolisti, u għal dawk il-persuni jew negozji li xorta irreklamaw u għenu minkejja li din is-sena għamlu diversi ġimgħat jew xhur magħluqin.

**Nawguralkom Festa Qaddisa, Festa li tgħinna nittamaw fi żminijiet aħjar.**








Messaġġ mill-Kappillan *Kan. David Farrugia*

## Il-konverżjoni ta' San Pawl: kriżi li ssaffi, iġġedded u tkabbar

*"Ma nistgħux ninsew li qegħdin niċċelebraw din il-festa għażiża tal-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl f'din il-pandemija. Kulħadd liebes il-maskra u kulħadd ukoll ħosbien fuq dak li se jiġrilna … għaliex il-pandemija kienet u għadha fostna."* Xtaqt proprju niftaħ il-messaġġ tiegħi għall-Festa f'ġieħ l-Appostlu Missierna San Pawl u l-Konverżjoni tiegħu permezz ta' dan il-kliem li lissen l-Eċċ. Tiegħu, Mons. Charles Jude Scicluna, Arċisqof ta' Malta, fil-ftuħ tal-Omelija tiegħu fil-pontifikal li mexxa fil-Katidral tal-Imdina f'ġieħ il-Konverżjoni ta' San Pawl, nhar il-Ħadd 24 ta' Jannar 2021. U dan għax inħoss li huma sintesi tajba ta' dak li għaddejna minnu tul dawn ix-xhur kemm tas-sena li għaddiet kif ukoll ta' din is-sena, inkluż issa, u li għal darb'oħra mhux ser ikollna l-possibbiltà li niċċelebraw il-festa bħas-soltu. Għalhekk, waqt li nagħti merħba lil kull min qed jaqra dan il-messaġġ, insellem lill-Ħalsafin, kemm dawk li joqogħdu fir-raħal għażiż tagħna u kif ukoll dawk li marru joqogħdu fi rħula oħra, lill-Pawlini kollha, u lil dawk li ser jingħaqdu magħna anke b'mod virtwali, aktar milli fiżiku, f'xi mumenti matul il-ġimgħa tal-festa.

**San Pawl fi Kriżi: il-Kriżi Teoloġika**

Il-pandemija mhux biss qalbitilna r-ritmi u d-drawwiet normali li kellna f'ħajjitna, imma li saħansitra daħħlitna fi kriżi, jiġifieri, hekk kif isostni Papa Franġisku fid-diskors li għamel lill-membri tal-Kurja Rumana lejn tmiem is-sena li għaddiet (it-Tnejn 21 ta' Diċembru, 2020) fil-laqgħa tradizzjonali ta' qabel il-Milied li hu jagħmel kull sena magħhom, wasslitna għal *"mument importanti fl-istorja personali u fl-istorja soċjali.* (Hi) *turi ruħha bħala xi ħaġa straordinarja, ... li dejjem toħloq sensazzjoni ta' inkwiet, dwejjaq, żbilanċ u inċertezza fl-għażliet li jridu jsiru."* U bħalma jurina l-għerq tal-verb *krino* minn fejn ġejja l-kelma 'kriżi', il-Papa jistqarr li l-kriżi *"hija dak l-għarbiel li jsaffi l-qamħ wara l-ħsad."* Għar-reliġjon, din mhijiex xi ħaġa ġdida, għax kif nistgħu naqraw sewwa, il-Bibbja hija mimlija b'nies li ġew 'mgħarbula', b'persuni fi kriżi, li proprju permezz tal-kriżi, iwettqu l-istorja tas-salvazzjoni: Abraham, Mosè, Elija l-profeta, u Ġwanni l-Battista. U meta Papa Franġisku jħares lejn San Pawl hekk kif bħal donnu safa msabbat mal-art u milqut mil-laqgħa għal għarrieda ma' Kristu fit-triq ta' Damasku, il-Papa jagħraf fih mhux biss kriżi personali, imma saħansitra l-'kriżi teoloġika'.

**Fil-kriżi, San Pawl jiskopri lil Kristu Ġesù u beda jħalli lilu nnifsu jinbidel**

Fi triqtu lejn Damasku, San Pawl, jiġi żarmat miċ-ċertezza u ż-żelu li kellu fil-qawwa tal-Liġi [ara Atti 22:3-4], u mdawwal mill-Mulej innifsu, dawl aqwa minn tax-xemx, li għamieh iżda li għenu jagħraf tassew min hu Ġesù ta' Nażaret, jibda jħalli lilu nnifsu jinbidel permezz tal-kriżi: beda jħalli s-sigurtajiet tiegħu biex jimxi wara Ġesù, beda jagħraf il-Knisja, irrappreżentata minn Ħananija (li ismu jfisser Alla jħenn) u li flimkien setgħu jħarsu lejn xulxin mhux bħala għedewwa, imma pjuttost bħala aħwa. Hekk beda jingħata wkoll għall-Aħbar it-Tajba.

**Fil-kriżi, San Pawl jimxi mir-Reżistenza għal Għarfien ġdid u aktar ċar**

Iżda ejjew nammettu li meta nidħlu fi kriżi, faċli nagħmlu reżistenza u hekk naslu li ma nħallux l-Ispirtu jmexxina fil-mument tal-prova, liema azzjoni tasal tikkundannana biex nibqgħu weħidna u bla frott. Meta niddefendu b'mod qawwi lilna nfusna mill-kriżi nkunu qed inwaqqfu l-ħidma tal-grazzja ta' Alla li trid turi ruħha fina u permezz tagħna. Għalhekk, bħal San Pawl li beda jitgħallem kif ikun umli u bla pretensjoni, hemm bżonn inħallu l-Ispirtu jmexxina u ma nibżgħux li s-sigurtajiet tagħna jispiċċaw għax fil-mument ta' kriżi, issir il-prova ta' x'inhu l-iżjed importanti f'ħajjitna: inkunu nistgħu nagħrfu aħjar il-frugħa imma wkoll l-affarijiet għeżież. Hekk, San Pawl seta' jibda jagħraf li mhux il-liġi li teħles, li ssalva, imma l-grazzja fi Kristu li tagħmel dan [ara Fil. 3:4-10].

**Fil-kriżi, San Pawl jagħraf il-Verità tal-Vanġelu u l-Qawwa tal-Ispirtu**

Min ma jħarisx lejn il-kriżi, inkluż din ikkawżata mill-pandemija – bil-mard u l-imwiet li ġabet – bid-dawl tal-Vanġelu, ikun qed jillimita ruħu li jħares lejn il-kriżi mingħajr it-tama. Jista' jkun li l-kriżi tbeżżagħna mhux biss għax insejna kif nagħtuha valur bħalma jistedinna l-Vanġelu, imma għax insejna li l-Vanġelu kien l-ewwel wieħed li poġġiena fi kriżi. Huwa l-Vanġelu li jpoġġina fi kriżi. Imma jekk tassew nemmnu li *"id-deheb jippruvawh fin-nar, u n-nies magħżula fil-forn tal-umiljazzjoni"* [ara Sir 2:5] u nerġgħu niskopru l-kuraġġ u l-umiltà biex ngħidu b'leħen għoli li l-mument tal-kriżi huwa l-mument tal-Ispirtu, allura anke quddiem l-esperjenza tad-dlam, tad-dgħufija, tal-fraġilità, tal-kontradizzjonijiet, tal-konfużjoni, m'għadniex inħossuna mgħaffġin, imma aħna nżommu l-ħin kollu t-tama ġo fina li l-affarijiet se jinbidlu, u li din il-bidla tiġi mill-esperjenza ta' grazzja li tkun moħbija u li Alla stess, bil-modi misterjużi tiegħu, ikompli jkabbar, hekk kif il-Vanġelu stess jurina: Alla jkompli jkabbar iż-żerriegħa tas-Saltna tiegħu fostna, sew meta l-bidwi jkun imqajjem u sew jekk rieqed.

**Bil-kriżi, San Pawl jibda jqajjem kriżi fil-Knisja**
**ħalli timxi lil hinn mil-loġika tal-konflitt u hekk tinfetaħ għal kull bniedem**

Permezz ta' dik l-istess l-kriżi li għadda minnha San Pawl bdiet isseħħ ukoll kriżi oħra, dik fl-ewwel komunità Nisranija: hu beda jkun il-kawża li l-Knisja toħroġ b'aktar qawwa 'l barra mill-fruntieri ta' Iżrael biex tilħaq it-truf tad-dinja, u li permezz tagħha, missirijietna u aħna, stajna nisimgħu b'Ġesù ta' Nażaret u bil-qawwa tiegħu li tfejjaq u li tagħti tama sħiħa. Hekk, fid-dawl tal-Vanġelu, San Pawl jagħraf jibda jimxi wkoll lil hinn mil-loġika

tal-konflitt: mhux 'aħna' u 'huma' riflessa f'tant attitudnijiet u kliem li ma jurux ħlief *"mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, u partiti."* Tiġini f'moħħi wkoll is-silta mill-Ewwel Ittra tiegħu lill-Korintin fejn San Pawl innifsu jistaqsi u jistqarr: *"u ma għadkomx timxu ta' bnedmin meta hemm fostkom min jgħid: "Jien ta' Pawlu", u ieħor: "Jien ta' Apollo"? M'intomx taħsbuha ta' bnedmin? U min hu Apollo? Min hu Pawlu? Huma l-ministri li permezz tagħhom intom emmintu u kull wieħed minnhom skont ma tah il-Mulej. Jiena ħawwilt, Apollo saqqa, imma Alla hu li kabbar."* [ara 1 Kor. 3: 3-6]. U dan għax *"Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed, billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna – il-mibegħda ta' bejnietna – u ħassar bis-sagrifiċċju ta' ġismu."* [Efes. 2: 14]. Għalhekk, ejjew ma nħawdux il-kriżi mal-konflitt, fejn dan tal-aħħar ifixkilna, jiżvojtana mill-għan u jħawdilna d-direzzjoni, iwassalna għal ħela ta' enerġija u jqarribna aktar għall-ħażen għax ningħalqu fina nfusna u nispiċċaw neħduha kontra xulxin. *"Il-loġika tal-konflitt dejjem tfittex f'min twaħħal biex tista' tagħtihom timbru u biex tiddisprezzahom, u dejjem tfittex min għandu raġun. Dan jiffavorixxi li jikber is-sens elitista ta' 'gruppi magħluqa fihom infushom.' ... 'Meta nieqfu fil-mument tal-konflitt, inkunu nitilfu s-sens tal-unità profonda tar-realtà'"* [*Evangelii Gaudium*, 226].

**Quddiem il-kriżi tal-Appostlu Missierna nitolbu wkoll id-don li l-kriżi twassalna għall-Konverżjoni u Għotja sħiħa**

L-Appostlu Missierna San Pawl ħalla lil Ġesù jisfidah, tilef iċ-ċertezzi kollha tiegħu, beda ħajja ġdida, sar xhud tiegħu sat-tixrid ta' demmu u għamel ħafna frott. Hu baqa' jinsisti li l-ġarra tiegħu kienet tal-fuħħar u xi ftit imxellfa, imma fuqu straħet il-grazzja tal-Mulej u permezz tiegħu l-Mulej għamel mal-Knisja u magħna ħwejjeġ kbar. Quddiem din l-esperjenza, ejjew għalhekk nagħrfu li kriżi hija żmien ta' grazzja mogħtija lilna biex niddixxernu r-rieda ta' Alla għal kull wieħed u waħda minna u għall-Knisja kollha. Il-kriżi, allavolja tlaqqagħna ma' skandli, waqgħat, dnubiet, kontradizzjonijiet, nuqqas ta' xhieda ... xorta mhux ta' min jaħrabha; m'għandniex niċħdu dak kollu li fina jew fil-komunitajiet tagħna hu mċappas bil-mewt u li allura jeħtieġ konverżjoni. Anzi, għandna ngħixuha b'kuraġġ u niskopru fiha ħerqa u talba xierqa għal tiġdid u biex ninfetħu dejjem aktar. Għalhekk huwa essenzjali li ma nwaqqfux id-djalogu tagħna ma' Alla, minkejja li dan jista' jkun diffiċli. U f'dan, it-talb jippermettilna ningħataw Lilu u nibqgħu *"nittamaw kontra kull tama"*. Din hija l-konverżjoni li msejħin niċċelebraw u ngħixu. Fil-kriżi ta' Pawlu ejjew nagħrfu l-kriżijiet ta' ħajjitna; fil-Konverżjoni ta' Pawlu ejjew insibu u ngħixu b'tama sħiħa l-konverżjoni tagħna. Nitolbu għalhekk li f'dawn iċ-ċirkostanzi li għaddejjin minnhom, ma nitilfux it-tama, imma wkoll li bl-interċessjoni tal-Appostlu Missierna li wriena lil Ġesù nirċievu d-don tal-ħeġġa, tal-konverżjoni u tal-fejqan. Hu żgur jidħol għalina ħalli nagħrfu dejjem aktar li *"dan it-teżor* (il-grazzja ta' Alla) *qiegħed għandna f'ġarar tal-fuħħar, ħalli b'hekk jidher sewwa li l-kobor ta' din il-qawwa ġej minn Alla, u mhux minna."* [2 Korintin 4, 7].

**Viva San Pawl u l-Festa t-Tajba lil kulħadd!**



# For Domestic & Industrial Projects

All Types of Aluminium & Double Glazing
- Available in Different Colours • Automated Doors
- Insect Screens • Louvres • Skylights
- Arched Windows & Doors Blinds

*Free Advice & Quotations*

EXPRESS ALUMINIUM LIMITED

**Express Bldg, Triq l-Imdina, Żebbuġ ŻBĠ 9018**
**Tel: 21 461 078, 21 465 110 Mob: 99 595 318**
**Fax: 21 465 798 Web: www.expressaluminium.com**





*Dun Karm Żammit*

## San Pawl iħeġġiġna

Il-Knisja tieħu ħsieb tqassam iż-żmien tas-sena
f'sistema ta' talb skont is-Sena Liturġika;
żmien ta' talb skont iċ-ċelebrazzjonijiet li tkun qed tgħix,
bħall-Avvent – preparazzjoni għall-Milied,
u r-Randan – preparazzjoni għall-festa u l-qofol tal-ħajja Nisranija – l-Għid il-Kbir.
U biex tilħaq dan l-iskop kemm għaċ-ċelebrazzjonijiet u kemm għall-ħajja Nisranija,
hija tuża qari mill-Kotba Mqaddsa u mill-kitbiet tas-Santi Padri.

Il-kwotazzjonijiet mill-ħajja u l-ittri ta' San Pawl mhux biss ma jonqsux,
imma huma kważi fit-totalità tagħhom
bħala ħsieb u meditazzjoni kontinwa għall-ħajja Nisranija.

Meta qed nikteb dawn il-kelmtejn, huwa ż-żmien ta' wara l-Għid,
u allura l-Knisja tieħu ħafna kwotazzjonijiet dwar il-qawmien ta' Kristu Rxoxt.
Ħalluni nlaqqagħkom ma' żewġ kwotazzjonijiet
fejn naraw mhux biss x'jaħseb San Pawl dwar il-Qawmien tal-Mulej,
imma x'ifisser għalih dan biex il-konverżjoni tiegħu tkun sħiħa:

*"Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-sema,*
*fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla.*
*Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk tal-art."* (Kolossin 3:1-2)

*"Aħna lkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed,*
*sew Lhud, sew Griegi, sew ilsiera, sew ħielsa,*
*ilkoll xrobna minn Spirtu wieħed."* (1 Korintin 12:13)

Żewġ ħsibijiet li malajr juruna l-ħsieb ta' San Pawl dwar il-ħajja Nisranija,
u jħeġġuna nkomplu nimxu fit-Triq tal-Mulej, kif għamel hu.

**SAN PAWL, BERIKNA U MEXXINA FIT-TRIQ TA' ĠESÙ!**





V. Spiteri

VSS

& Sons Ent. Ltd.





TRANSPORT SERVICE: Fully Air Conditioned Vehicles

- Open Top Buses
- Coaches
- Midi Coaches
- Super Low Floor Buses - accessible for disabled & elderly people
- Mini Buses ...

  seating capacity up to 74 seats

Importers of VOLVO Bus & Truck – Parts & Diagnostic
HISPACOLD Air Conditions
IRIZAR Coaches
BOCK Compressors

29, 'Gratiae Plena',
Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra
Luqa LQA 1011
Tel: 2182 0749 Mob: 9946 4405
Email: info@vss.com.mt



*Dun Tony Pace*

## L-anzjanità – privileġġ jew piż?

Meta mmorru fid-djar biex inwasslu l-Ewkaristija lil dawk li bħalissa ma jistgħux jattendu l-knisja, niltaqgħu ma’ diversi karattri u niġu f’kuntatt ma’ sitwazzjonijiet differenti. Kull persuna għandha l-karattru partikulari tagħha, bil-ferħat u bil-weġgħat kollha li taf tlaqqagħna magħhom il-ħajja. F’dan l-ambjent ma jistax jonqos li sikwit issib ruħek tirrifletti dwar l-anzjanità, u persuna li tassew ispiratni biex nikteb fuq hekk hi **Marija Busuttil**.

**Il-Memorji tat-Tfulija**

Marija llum tgħodd mat-83 sena. Fil-familja b’kollox kienu tmien aħwa. Waħda minn ħutha, Carmen, hija soru u wara servizz twil fil-missjoni ġewwa l-Eġittu, issa rtirat f’dar tal-kongregazzjoni tal-ħajja reliġjuża li tħaddan ġo Marsilja fi Franza. Għalkemm Marija twieldet eżatt kif kienet qed tibda t-Tieni Gwerra Dinjija, fl-1938, kif wieħed jistenna, ftit li xejn tiftakar mill-gwerra. Tiftakar taħriġ li kien isir bil-maskri minħabba l-gass velenuż li seta’ jwaddbilna l-għadu. Tiftakar kif lit-trabi kienu jagħlquhom fi speċi ta’ inkubatur biex jipproteġuhom fil-każ ta’ xi attakk bil-gass velenuż.

**L-Għożża tal-Familja u l-Ħbieb**



Wara għerusija ta’ madwar seba’ snin, ta’ 21 sena Marija żżewġet lil Ġanni. Sena wara, ta’ 22 sena welldet lil Paul. Żewġ mumenti sbieħ li ħallewlha memorji mill-isbaħ f’ħajjitha kienu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-25 u l-50 anniversarju tat-tieġ. Fiċ-ċelebrazzjoni tal-50 anniversarju Dun Karm Zammit għamlilhom quddiesa l-għalqa u għaliha stiednu lill-qraba u ’l-ħbieb.

Żewġ persuni li llum m’għadhomx magħna imma li jiffurmaw parti sew mill-identità ta’ Marija huma żewġha Ġanni u ħabibtha Ġuża Vella. U la qegħdin nitkellmu fuq l-anzjanità ma nistgħux inħallu barra

mument importanti fl-anzjanità, dak ta' meta wieħed joħroġ mix-xogħol bil-pensjoni! Dan dejjem jekk il-Mulej jislifna l-għomor! Li toħroġ bil-pensjoni jaf ikun mument iebes li jinkwieta lil bosta. Għal Ġanni imma, skont Marija, kien qisu għasfur ħareġ mill-gaġġa. Ġanni bħala pensjonant, issa kellu iktar ħin għal dawk l-erba' affarijiet li verament kellu għal qalbu: kellu r-razzett u l-għelieqi, kellu l-każin ta' San Pawl li kien iħobb immens, kien jagħsar l-inbid u kellu devozzjoni kbira lejn Ġesù Ewkaristija. Marija irrakkuntatli kemm kien raġel paċi miegħu nnifsu minbarra li paċi ma' ta' madwaru. Fil-11.00 am kellu appuntament ta' kuljum ma' Ġesù Ewkaristija fil-kappella ta' Santa Marija fejn kien iqatta' siegħa jitlob. Kien jistenna nofsinhar idoqq biex jekk is-soru ma tkunx tista' tagħlaq il-kappella, arah sejjer għaċ-ċavetta biex jieħu ħsieb jagħlaq hu!



Lil Marija u Ġuża tal-Malamont jiena nafhom koppja 'inseparabbli'! Wara l-quddiesa tas-7:30 am sikwit kont nimxiha sal-kantuniera ta' ħdejn il-Museum tas-subien magħhom. It-tbissima u l-ħlewwa ta' żewġt iħbieb tal-qalb tibqa' stampata sew f'moħħi u f'qalbi! Huma tampar xulxin fl-età u għenu lil xulxin diversi drabi fit-trobbija u fis-saram li nqala' fil-ħajja, inkluż il-mumenti ta' ferħ, fosthom il-festa ta' San Pawl. U dwar il-festa li kienet issir fil-25 ta' Jannar, Marija tiftakar xi kowt sabiħ li kienu jżanżnu għall-festa, u tgħid li l-festa kienet titqies bħala suċċess jekk it-temp jippermetti u l-purċissjoni toħroġ u l-banda tkun tista' ddoqq!

**L-Anzjanità hija privileġġ**

U dan iwassalni għal xi ħaġa li sikwit naħseb fuqha. Il-kittieb Amerikan Mark Twain darba qal illi *l-Anzjanità hija privileġġ li mhux kulħadd għandu.* Meta semgħatni nikkwota lil Twain, Marija kemmxet naqra xofftejha u urietni li għandha r-riservi tagħha dwar li qal Twain! Meta tonqsok l-enerġija, tinqafel ġewwa minħabba xi pandemija, titlef wieħed wara l-ieħor lill-egħżeż persuni li jkollok, ma tantx tassoċja l-anzjanità mal-privileġġi. Lil Marija il-ħsieb tal-mewt ma jinkwetahiex. Meta kienet iżgħar qatt ma ħasbet fuq il-mewt u issa li kibret u tilfet bosta mill-għeżież tagħha, lill-Mulej titolbu biss biex meta jagħlqilha ċ-ċens ma jħallihiex tbati. Imma dan f'idejh! Li jinkwetaha ħafna huwa l-fatt li meta fil-ħajja jinqalgħu l-problemi, bħala anzjana, tħossok ma tistax tintervjeni u tagħti daqqa t'id kif tixtieq. Fil-fatt, Marija titlob ħafna għall-familja tagħha, għaż-żgħażagħ u għas-saċerdoti. It-talba favorita tagħha hija t-Talba tal-Barka li tibda: "Ikun imbierek Alla!"



Fil-ħin kollu li qattajt nitkellem maʼ Marija, in-nuqqas taʼ Ġanni u taʼ Ġuża kienu jinħassu sew! U kif stqarret hi stess l-akbar xokk taʼ ħajjitha ħaditu meta sabet lil missierha mejjet l-għalqa. Ix-xokk għadha tħossu u sikwit terġaʼ ġġarrbu sal-ġurnata tal-lum.

**Ħsibijiet mingħand il-Professjonisti**

Dwar l-anzjanità Drs Stephen u Marisa Abela, it-tnejn Konsulenti fil-Ġerjatrija, jinnutaw kif bil-progress fil-mediċina u fit-teknoloġija bosta qed jilħqu etajiet avanzati. Huma identifikaw xi problemi li jwasslu biex anzjan isir dipendenti fuq ħaddieħor, fosthom il-mard kroniku, id-dimenzja, il-waqgħat spissi u l-inkontinenza. Importanti ħafna allura li l-anzjani u dawk li jieħdu ħsiebhom ma jiddejqux ifittxu pariri u kura medika. Iċ-Ċentru Servizz Anzjani jagħti l-pariri meħtieġa anke bʼsempliċi telefonata. Problema akuta għal bosta anzjani hija s-Solitudni. Huma saħqu fuq l-importanza li l-anzjani jżommu kuntatt mal-oħrajn u meta possibbli jattendu attivitajiet bħalma jsiru fiċ-Ċentri tal-Anzjani. Jekk għandhom qraba msefrin illum hemm l-iSkype li jistaʼ jgħinhom iżommu kuntatt.

Min-naħa l-oħra, Matthew Xuereb *Staff Nurse* fir-Residenza S. Vinċenz De Paule (SVP), emfasizza kemm bi ftit sforz u bi ftit ħsieb nistgħu nissimplifikaw il-ħajja tal-anzjani tagħna. Matthew qalli: "*Minn lenti taʼ infermier, apparti li nieħdu ħsieb lill dawn l-anzjani mill-aspett mediku, importanti li naraw wkoll l-aspett ħolistiku u nisimgħu x-xewqat tagħhom. Sempliċiment tpoġġi bilqiegħda ħdejn raġel anzjan u tisimgħu jgħidlek xʼkien jagħmel meta kien jaħdem it-tarzna hija biżżejjed. Mingħajr ma tkun għamilt xejn kbir, lill dak r-raġel tkun għamiltlu l-ġurnata tiegħu għax sab lil xi ħadd jisimgħu.*"

Fʼdin il-kitba tkellimna l-iktar fuq l-Anzjanità fid-dawl taʼ esperjenza personali taʼ parruċċana. Għall-grazzja taʼ Alla, bil-għajnuna tal-persuni għeżież tagħha, Marija qiegħda tgħix l-anzjanità tagħha bʼħafna trankwillità! Iżda kull anzjan għandu l-istorja partikolari tiegħu. Minkejja li ċ-ċirkostanzi jistgħu jvarjaw, l-għażliet taʼ liema attitudnijiet jitħaddnu jibqgħu dejjem fʼidejn l-individwu. Finalment huwa l-anzjan innifsu li jiddeċiedi jekk jiffukax fuq il-barkiet li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, jew inkella jaqbadx it-triq tal-qrid u t-tgergir li ovvjament huma perikolużi ħafna. Tibqaʼ għażla tal-anzjan jekk jiħux il-pariri tal-konsulenti li tkellimna magħhom u jekk jimxix fuq l-eżempju taʼ anzjani li minkejja l-età tagħhom u s-sitwazzjonijiet li jkunu fihom, jibqgħu żgħażagħ fl-ispirtu!

Johnny Holidays
Travel Centre

**John Zammit**

***Incoming Travel Agency***

Triq il-Bronja
Żurrieq
**MALTA**

Tel: (+356) 2164 7647
Mob: (+356) 7944 4082
Fax: (+356) 2164 7640
e-mail: info@johnnyholidays.com
**www.johnnyholidays.com**





# Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2020-2021

B'għaqal, sagrifiċċju u b'kuraġġ, għal sena oħra qed inwasslilkom bil-kitba rendikont dettaljat ta' dak li twettaq f'dak li għandu x'jaqsam ma' manutenzjoni u proġetti ġodda li saru kemm fil-knisja parrokkjali, kif ukoll fi proprjetajiet oħra tal-parroċċa tagħna. Użajt dawk it-3 kelmiet għaliex bħal kollox, l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 inħassu bil-kif, inkluż f'dan l-aspett, l-aktar bit-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-quddies minħabba nuqqas ta' attendenza, li f'xi mumenti kienet tassew minima anke minħabba r-restrizzjonijiet ta' prekawzjoni li mill-ġdid kellna ngħaddu minnhom fejn il-knejjes tagħna kellhom jibqgħu jiffunzjonaw mingħajr attendenza, saħansitra fil-Ġimgħa Mqaddsa u fl-ewwel parti ta' Żmien il-Għid. Biss minkejja kollox, kif tistgħu taqraw, xorta bqajna nagħmlu li nistgħu biex indawru r-rota, sew fl-introjtu finanzjarju – u dan l-aktar billi żidna xi lotteriji – u sew fil-ħidma li xorta ma waqfetx.

### LAT ESTERN TAL-KNISJA PARROKKJALI

**Manutenzjoni tal-bjut prinċipali tal-knisja**
Fil-bidu ta' Ottubru, il-bjut prinċipali reġa' sarilhom xi manutensjoni u taħlib. Dan ix-xogħol sar mis-Sur Pawlu Busuttil b'mod volontarju, fejn hu stess għamel tajjeb għall-ispejjeż.

**Manutenzjoni tal-bibien tal-knisja**
Ingħatat dawra lil dawn il-bibien, fejn ix-xogħol tal-brix u l-verniċ sar mis-Sur Joe Ellul u sewa €350.

**Manutenzjoni tad-dawl tal-knisja li jinsab fuq iz-zuntier**
Il-Kunsill Lokali reġa' ħa ħsieb iqabbad lis-Sur Paul Busuttil biex id-dawl li jixgħel il-ħitan esterni tal-knisja parrokkjali jiġi rranġat.

**Tħawwil u tisqija ta' xtili ġodda fuq iz-zuntier**
Minn żmien għal żmien, il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb li jinbidlu x-xtieli morda u niexfa li hemm fi ħwat apposta fuq iz-zuntier ma' oħrajn ġodda, waqt li baqgħu jissaqqew matul is-sena.

## LAT INTERN TAL-KNISJA PARROKKJALI

**Tiswija ta' 2 fannijiet u 2 oħra ġodda għall-knisja fi żmien il-festa**

Lejn il-bidu ta' Settembru 2020 issewwew 2 fannijiet bl-ispiża tkun ta' €7.68. Lejn nofs Awwissu 2021 inxtraw ukoll 2 ġodda mingħand *Homezone* ta' Ħal Qormi, bl-ispiża tkun ta' €120.

**Manutenzjoni tal-Arloġġ tal-Knisja**

Lejn l-aħħar ta' Settembru u l-bidu ta' Ottubru 2020 u tul din is-sena kollha sa nofs Lulju, bil-ftit il-ftit, is-Sur Stephen Zammit għamel manutenzjoni fuq l-Arloġġ prinċipali tal-kampnar tal-knisja, fejn inbidel it-timer li jippermetti li jittellgħu l-mażżri b'mod elettroniku, u nbidel ukoll swiċċ relatat, wara li kellu jiżżarma wkoll. Għamel ukoll manutenzjoni fuq l-imrietel, il-molol, u l-ktajjen, biex it-tokki tas-sigħat u tal-kwarti jkunu aktar ħelwin u anqas ta' ħsara għall-qniepen kif ukoll ta' anqas strapazz għall-makkinarju. **(Ara ritratt nru. 1)**

## AFFARIJIET LITURĠIĊI

**2 Messali Rumani ġodda – għas-Sedja u għall-Altar-Mejda**

L-użu tal-Messali, kif ukoll xi żidiet ta' festi li seħħu tul dawn l-aħħar snin, wasslu lill-Kappillan biex jordna 2 Messali Rumani ġodda ħalli jibdew jintużaw, flok dawk eżistenti, mis-saċerdot li jkun qed jiċċelebra l-quddiesa meta jkun fis-Sedja u mal-Altar-mejda. Dawn waslu f'nofs Ottubru 2020 u l-ispiża għalihom kienet ta' €250.

**Disinn għal Ħjata ta' Stendard ġdid tal-Fratellanza tas-Sagrament**

Is-sena li għaddiet ġie avviċinat is-Sur Silvio Pace sabiex jagħmel disinn għall-istendard tal-Fratellanza tas-Sagrament sabiex jinħiet wieħed ġdid, minħabba li d-drapp ta' dak eżistenti qed jitherra. Silvio għaddielna d-disinn lejn nofs Jannar 2021.

**Inħietu 2 Trieħi ġodda għall-wiċċ tal-Altar-Mejda**

Inħietu 2 trieħi ġodda għall-wiċċ tal-Altar-Mejda, bil-materjal jingħata gratis, u bix-xogħol isir b'mod volontarju mis-Sinjura Tessie Magri.

**Inħietet il-Purtiera taż-Żjut (Bajda)**

Inħietet mill-ġdid purtiera bajda li tgħatti l-bieb tat-tabernaklu fejn kienu jinżammu ż-żjut imqaddsa, illum maġenb in-Niċċa tad-Duluri. Ix-xogħol sar b'mod volontarju mis-Sinjura Tessie Magri.

**Restawr u l-Konservazzjoni tar-Raġġiera li tintrama mal-Ġilandra tal-Milied**

Lejn il-bidu ta' Diċembru 2020, ir-raġġiera li tintrama mal-Ġilandra tal-Milied ġiet

lura mir-restawr u l-konservazzjoni meħtieġa mingħand l-Atelier del Restauro, u ntramat għall-Festi tal-Milied 2020. L-ispiża għal dan ir-restawr kienet ta' €4,830, liema ammont tħallas minn benefattriċi li xtaqet tibqa' anonima. (**Ara ritratt nru. 2**)

**Post ġdid fejn tintrefa' r-Raġġiera li tintrama mal-Ġilandra tal-Milied**
Lejn il-bidu ta' Jannar 2021, ir-raġġiera li tintrama mal-Ġilandra tal-Milied instabilha post ġdid fejn tiġi merfugħa: ma' ħajt f'kamra maġenb is-Sagristija, qrib fejn bdiet tintrefa' l-ġilandra nfisha. Is-Sinjura Tessie Magri ħadet ħsieb il-ħjata ta' *covers* biex jipproteġuha mit-trabijiet u elementi li jistgħu jagħmlulha ħsara.

**Girlanda ġdida tal-ganutell għall-Bambin il-wieqaf fil-Gilandra tal-Milied**
Għall-jiem tal-Milied iżżanżnet girlanda ġdida tal-ganutell, biex iżżejjen l-istatwa tal-Bambin il-wieqaf li jintrama fil-ġilandra tal-Milied. Din inħadmet b'mod volontarju mis-Sinjura Rita Formosa, li flimkien ma' żewġha John, ħallsu wkoll għall-materjal. (**Ara ritratt nru. 3**)

**Twaħħil tal-Inkwatri ġodda għal disinni li huma esebiti fis-Sagristija l-Antika**
Wara li s-sena li għaddiet is-Sur Josef Mifsud ħa ħsieb jordna diversi frames biex għadd ta' disinni, fosthom tal-bankun il-ġdid tal-Furċini, u ta' xi ventaltari rrakkmati, ikunu jistgħu jiġu esebiti fis-Sagristija l-antika u jikkumplimentaw oħrajn li diġà hemm, saret rilokazzjoni tagħhom biex jitgawdew aħjar, u kollox sab postu lejn nofs Frar.

**Irtokk tal-Induratura ta' Plattini ta' Gandlieri tal-Injam tas-Sekondi Festi**
Fuq inizjattiva tas-Sur Josef Mifsud, f'Diċembru 2020, is-Sur Joseph Gatt mill-Birgu irtokkja diversi plattini li jintramaw fil-gandlieri tas-sekondi festi. Ix-xogħol sar b'mod volontarju.

**Induratura tal-Frame tal-Kwadru tal-Ħniena Divina li jinżamm fis-Sagristija**
Lejn l-aħħar ta' Marzu 2021, is-Sur Jason Pace mill-Belt Valletta tana lura l-kwadru tal-Ħniena Divina li jinżamm fis-Sagristija, bil-frame tiegħu ndurat bid-deheb, bl-ispiża tkun €150. (**Ara ritratt nru. 4**)

**Restawr u l-Konservazzjoni tal-Kwadru tan-Nawfraġju ta' San Pawl li hu miżmum fis-Sagristija**
Lejn il-bidu ta' Diċembru 2020 ġiet avviċinata s-Sinjura Amy Sciberras biex tipprovdilna stima għar-restawr u l-konservazzjoni tal-Kwadru tan-Nawfraġju ta' San Pawl li hu miżmum fis-Sagristija. F'Jannar 2021 ingħatajna l-kwotazzjoni u f'April 2021 ikkonfermajna li bħala parroċċa se nidħlu għal dan il-proġett, li l-ispiża għalih mistennija tkun ta' madwar €3,000. Il-kwadru ttieħed fil-laboratorju lejn l-aħħar ta' April 2021 grazzi għat-trasport ipprovdut senza interessi minn *F. Borg and Sons Transport* bil-ħsieb li jkun lest għall-bidu ta' Frar 2022. (**Ara ritratt nru. 5**)

**Restawr u l-Konservazzjoni tal-Istatwa tal-Madonna ta' Lourdes**
Lejn nofs Lulju 2021 ġie avviċinat is-Sur Neville Attard biex jirtokkja l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li tinżamm f'niċċa fil-ħajt fil-Knisja, fil-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju. Dan minħabba li xi partijiet taż-żebgħa ta' din l-istatwa kienu qed jitqarqċu u jinqalgħu minħabba l-umdità. Tahielna lura restawrata lejn nofs Awwissu 2021, bl-ispiża tkun ta' €60. (**Ara ritratt nru. 6**)

## IL-KAPPELLA TA' SANTA MARIJA

**Xogħol mid-Direttorat ta' Konservazzjoni u Restawr fuq il-Lat Estern**
Lejn l-aħħar ta' Novembru u l-bidu ta' Diċembru, il-Perit Audrey-Anne Bonnici, li ġiet maħtura biex tikkoordina dan il-proġett għamlet żjara fuq il-post, u wara li ġew iffinalizzati l-pjanti flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa, saret l-applikazzjoni għal dan il-proġett ta' konservazzjoni u restawr mal-Awtorità tal-Ippjanar. Lejn nofs Marzu 2021 ingħataw il-permessi meħtieġa u lejn l-aħħar ta' April u l-bidu ta' Mejju 2021 inbeda x-xogħol propriju ta' Restawr u Konservazzjoni fuq il-Lat Estern ta' din il-Knisja. Il-proġett huwa possibbli permezz tal-iskema ta' Proġetti ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi, u se jitwettaq mill-ħaddiema tad-Dipartiment tar-Restawr taħt id-direzzjoni u r-responsabbiltà tal-Perit Audrey-Anne Bonnici. Ħajr tal-appoġġ li sibna mill-Onor. Owen Bonnici, Ministru għar-Riċerka, Innovazzjoni u l-Koordinazzjoni tal-Istrateġija wara COVID-19.

## ID-DAR PARROKKJALI

**Tibdil ta' 2 Rifletturi fil-Ġardina**
F'Ġunju, is-Sur Pawlu Busuttil ħa ħsieb jibdel 2 rifletturi li jdawlu lill-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù, bl-ispiża tkun ta' €28.

## L-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

**Printer Ġdid**
Fil-bidu ta' Awwissu 2021 inxtara *printer* ġdid: *HP DeskJet Plus 4120 All-in-One Printer* mingħand *Computer Bargains* ta' Ħal Luqa. Dan minħabba li nqalgħet ħsara li ma tissewwiex f'dak li kien hemm qabel. L-ispiża kienet ta' €100.

**Antifona ta' Nani li kienet tindaqq Ħal Safi, kopja diġitali mill-Arkivju tal-Katidral**
Wara li fl-2017 inxtraw id-drittijiet mhux esklussivi tal-Mużika tal-Kappella Nani li kienet tindaqq Ħal Safi, lejn nofs Frar 2021 tressqet it-talba lill-arkivju tal-Katidral biex jinxtara d-dritt ukoll ta' Antifona li kienet tindaqq Ħal Safi u li Nani kien saħansitra immarka fuq il-qoxra tal-partitura - Casal Safi. F'Marzu tal-2021 sar ftehim biex din

# SAFI Pharmacy

**Triq San Ġwann, Safi**

**Tel: 2164 9552, 7933 1718**



**OPEN ALL DAY**

**Monday to Saturday**
**7.45am - 7.00pm**

l-antifona ukoll tiżdied mal-Arkivju Parrokkjali tagħna. L-ispiża totali kienet ta' €120, għad-drittijiet mhux esklussivi u l-kopji diġitali tal-partituri.

## IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI

**Tiswija ta' ħsarat ta' Kanen tal-Ilma**
Lejn nofs Ġunju 2021, kif ukoll lejn nofs Awwissu 2021, is-Sur Ġużi Bondin ħa ħsieb isewwi 4 ħsarat li żviluppaw f'kanen u vit tal-ilma fit-toilets taċ-Ċentru Parrokkjali, bl-ispiża tkun ta' €115.

**Garaxx li se jservi ta' Store għall-Bankun u l-Bradella tad-Duluri, it-Taraġ tas-Sepulkru u l-Fannijiet tal-Festa**
Lejn nofs Diċembru 2021, inxtraw 6 madumiet oħra għall-art mid-ditta *BathLine* ta' Ħal Qormi, u tqiegħdu mis-Sur Omar (is-Sirjan) mal-bieb tal-garaxx u ma' dak tad-Djakonija, flimkien ma rħama ġdida għal dan tal-aħħar. L-ispiża totali kienet ta' €400. Lejn l-aħħar ta' April 2021, il-bankun u l-bradella tal-istatwa tad-Duluri, it-taraġ tas-sepulkru u l-fannijiet tal-Festa flimkien mal-qafas tat-tużell ġew ittrasferiti biex jibdew jintrefgħu ġo fih.

## IL-MUSEUM L-ANTIK

**Ftehim mal-Gvern dwar Kiri tal-Proprjetà biex tiffunzjona bħala *Dementia Day Centre u Night Shelter*.**
Lejn l-aħħar ta' Ġunju 2020 nbeda x-xogħol ta' rinnovament estensiv fuq il-proprjetà mill-SPML (*Social Projects Management Ltd*) u dan għadu sejjer b'mod kontinwu bil-għan li jibda jopera lejn nofs Settembru jew il-bidu ta' Ottubru 2021. Inbidlu s-soqfa ta' bosta partijet, saħansitra xi ħitan u tkabbret ukoll it-tomba ta' fuq il-bejt. Dan kollu biex jitkabbar l-ispazju għal aktar aċċessibiltà, kif ukoll ġie nstallat lift, u diversi *airconditioners* u aċċessorji oħra utli biex il-post jagħti s-servizz mistenni. Fil-25 ta' Frar 2021 saret *Press Conference* fejn, is-Sur Renzo De Gabriele, Direttur tal-Aġenzija tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u s-Sindku Johan Mula, f'isem il-Kunsill Lokali, fil-preżenza tal-Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Dr Michael Farrugia, tal-Kappillan Kan. David Farrugia, u ta' persuni oħra, iffirmaw *Memorandum of Understanding*, jiġifieri ftehim ta' koperazzjoni flimkien sabiex ir-raħal ta' Ħal Safi jsir *Dementia Friendly Locality* u dan permezz ta' taħriġ u sessjonijiet edukattivi sabiex jiżdied l-għarfien fost ir-residenti rigward il-kundizzjoni tad-dimenzja. Sadanittant ġie maqbul li dan id-*Dementia Day Centre u Night Shelter* għandu jissemma għal Dun Karm Lia, Ex-Kappillan ta' Ħal Safi (1960-1979) li tant ħadem biex dan il-post jinbena u jservi ta' ġid għall-komunità. Ta' min jiftakar li dan il-proġett bi skop soċjali importanti, qed ikun iffinanzjat minn fondi pubbliċi (bix-xogħol ta' tiġdid mistenni

jilħaq it-€300,000), u bħala Parroċċa, li tibqa' proprjetarja, qed nibbenefikaw ukoll mill-introjtu finanzjarju tal-kera kull 6 xhur. Barra minn hekk, is-servizzi soċjali li se jkun qed joffri, se jkunu kollha pprovduti u mmexxija min-naħa ta' din l-Aġenzija. (**Ara ritratt nru. 7**)

**Tinfetaħ l-Ewwel Ġebla biex jittieħed l-iskartoċċ taċ-ċerimonja tat-Tqegħid**
Wara li ngħataw il-permessi meħtieġa, nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2021 filgħodu, is-Superjur Jonathan Brincat flimkien mas-soċju Simon Azzopardi fetħu l-ewwel ġebla biex jieħdu lura l-iskartoċċ li kien tqiegħed fiha fiċ-ċerimonja tat-Tqegħid, liema ċerimonja kienet seħħet nhar is-7 ta' Ġunju 1964. Dan kien fih dokument iffirmat minn diversi dinjitarji fosthom is-Superjur Ġenerali Eugenio Borg, li llum għaddejja l-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu. Kienu tqiegħdu f'dan l-iskartoċċ ukoll domna tal-*Verbum Dei* u domna ta' Santa Tereża ta' Lisieux. Hekk, wara xi konservazzjoni u restawr, dan l-iskartoċċ flimkien mal-kontenut ikun jista' jiġi ppreservat fil-Museum attwali. (**Ara ritratt nru. 8**)

## IĊ-ĊIMITERJU

**Tindif tal-Għalqa ta' wara ċ-Ċimiterju mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika**
Lejn il-bidu ta' Ottubru 2020, b'intervent u l-għajnuna tal-Kunsill Lokali, diversi ħaddiema mill-Cleansing Department qatgħu xi ħaxix ħażin u naddfu l-parti tal-għalqa li tmiss maċ-Ċimiterju fejn akkumula ammont ta' ħmieġ.

**Tiswija u bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra**
Fil-bidu ta' Novembru 2020, il-Kappillan flimkien mas-Sur Paul Busuttil għal darb'oħra ħadu ħsieb it-tiswija u l-bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra.

**Tiswija u bdil tal-bozoz tal-fanali tal-faċċata tal-Kappella**
Fil-bidu ta' Ottubru 2020, is-Sur Paul Busuttil ħa ħsieb il-manutenzjoni tal-fanali tal-faċċata tal-Kappella, fejn wara li tqaxxru nżebgħu, inbidlulhom il-bozoz u twaħħlu mill-ġdid f'posthom.

**Tankijiet ġodda taż-żibel**
Fil-bidu ta' Frar 2021, is-Sinjura Joanna Zammit Falzon ħadet ħsieb tipprovdi tankijiet ġodda biex jibdlu oħrajn qodma jew jiżdiedu ma' dawk preżenti biex wieħed ikollu aktar faċilità fejn jarmi weraq u fjuri nexfin, eċċ. Is-Sur Ninu Abdilla ħa ħsieb jadattahom.

**Manutenzjoni tal-Faċċata (ġebel u ħadid) taċ-Ċimiterju**
Min-nofs sal-aħħar ta' Diċembru 2020 sar xogħol ta' manutenzjoni fuq il-pilastri tal-faċċata u l-ħajt tal-ġenb taċ-Ċimiterju: tikħil u tindif tal-pilastri, tikħil u żebgħa tal-


1


2


3


4


5


6


7

8



9



10



11





12





13



14



15



16



bażi tal-konkos li mill-faċċata ddur għall-ġenb tul iċ-Ċimiterju, u żebgħa mill-ġdid tal-ħadid li hemm fil-faċċata. Ix-xogħol sar minn Omar (is-Sirjan) u l-ispiża telgħet għal €2,040. Fejn jidħol ir-rixtellu prinċipali tal-ħadid, lejn l-aħħar ta' Jannar 2021, ittieħed għat-tiswija, galvanizzar u żebgħa għand Alistair Caruana Steel Works ta' Bubaqra, iż-Żurrieq. Ġie mwaħħal lura f'postu lejn nofs Marzu, u ġie jiswa' €680.
**(Ara ritratt nru. 9)**

**Manutenzjoni tas-sistema tas-CCTV**

Lejn nofs Frar 2021, saret manutenzjoni fuq is-*CCTV system* taċ-Ċimiterju mid-Ditta *Allsec* ta' Ħal Safi fejn kellu jinxtara *screen* ġdid għax li kien hemm ma riedx jixgħel aktar. L-ispiża kienet ta' €160.

**Manutenzjoni tal-fanali fuq il-faċċata taċ-Ċimiterju**

Lejn l-aħħar ta' Settembru 2020, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb iressaq talba f'isem il-parroċċa lill-Enemalta biex issir il-manutenzjoni tal-fanali li hemm fil-fetħa quddiem iċ-Ċimiterju. Lejn l-aħħar ta' Ottubru nqalgħu l-fanali u nbeda x-xogħol ta' manutenzjoni fuqhom. Lejn nofs Marzu 2021 inqalgħu anke l-bażijiet tal-konkrit tagħhom biex dawn jinbidlu ma' oħrajn ġodda. Il-bażijiet il-ġodda tqiegħdu f'posthom lejn l-aħħar ta' Marzu u l-bidu ta' April 2021, filwaqt li l-fanali twaħħlu lura f'posthom lejn il-bidu ta' Ġunju 2021. Lejn l-aħħar ta' Lulju 2021 ħaddiema tal-Kunsill Lokali iffinalizzaw il-bażijiet. Ħajr lill-Ministru tal-Enerġija, Dr Miriam Dalli, u lill-Enemalta tal-għajnuna u l-ħidma li wettqu. **(Ara ritratt nru. 10)**

## IL-PROĠETTI PRINĊIPALI

**Restawr tal-Lanterna tal-Koppla tal-Knisja Parrokkjali**

Lejn l-aħħar ta' Settembru 2020, Omar Camilleri ġie avviċinat biex jipprovdi stima dwar żebgħa u induratura tal-lat intern tal-lanterna. L-istima kienet ta' €2,700. Wara li s-Sur Anthony Abdilla, flimkien ma' ibnu Edwin, u s-Sur Anthony Busuttil (Ta' Kaspan) senza interessi ħadu ħsieb jagħtu dawra sewwa lit-twieqi tal-lanterna, bl-ispiża tal-materjal tkun ta' €88, nhar it-Tnejn 12 ta' Ottubru 2020, il-kumpanija Recowatt Ltd ta' Ħaż-Żebbuġ ħadet ħsieb it-twaħħil ta' *solar* film mal-ħġieġ biex inaqqas id-dawl u l-UV. L-ispiża kienet ta' €510. Bejn nofs u l-aħħar ta' April 2021, twaħħal kollox f'postu. Sadanittant inbidlu l-partijiet tal-ġebel li kienu tmermru, u fil-bidu ta' Mejju nbeda x-xogħol taż-żebgħa kemm fuq il-lat estern u kemm fuq il-lat intern, u grazzi għal Alfred u Twanny Polidano, u Pawlu Busuttil, twaħħlet ukoll il-kalamita b'sistema differenti minn qabel, flimkien ma' *earth* apposta. Lejn nofs Mejju Omar Camilleri u missieru għamlu x-xogħol fuq il-lat intern, inkluż l-induratura. Lejn nofs Ġunju 2021 tneħħa l-armar intern u reġgħet inkixfet u nxtegħlet mill-ġdid.

Lejn nofs Lulju 2021 is-Sinjuri Alfred Polidano, Emanwel Debono, u Pawlu Busuttil, taw l-aħħar passata żebgħa fuq il-lat estern, bil-kulur ħamrani jinbidel ftit biex jiċċara u jiġi jixbaħ aktar lid-deffun. Dan sar fuq id-direzzjoni tas-Sur Kenneth A. Cauchi, *Senior Conservation Officer* mis-*Superintendence of Cultural Heritage*. Immedjatament wara tneħħa l-armar ta' barra. L-ispiża fattwali għal dan ix-xogħol kollu kienet ta' €7,771.32. (**Ara ritratt nru. 11**)

**Manutenzjoni tan-Niċeċ ta' San Pawl u tad-Duluri**

F'Settembru 2020, is-Sur Ninu Abdilla ħadem qafas tal-injam tal-Marine plywood għan-Niċċa tad-Duluri biex ikun jista jeħel id-dawl warajh. L-ispiża tal-materjal kienet ta' €30. Is-Sur Tarcisio Caruana minn Birżebbuġa ffinalizza ż-żebgħa tan-niċeċ bl-ispiża tkun €150. Is-Sur Ninu Abdilla ħadem ukoll karru bir-roti biex fuqu tibda titpoġġa d-Duluri meta tkun fin-niċċa. Dan ġie jiswa €19. Is-Sinjura Tessie Magri, b'mod volontarju, ħadet ħsieb tħit drapp biex jgħatti l-karru. F'Novembru 2020 ġie avviċinat Peter Cutajar ta' Light Design Solutions ta' B'Kara biex jara x'tip ta' dwal professjonali jixirqu biex jiddawlu San Pawl u d-Duluri li jinżammu f'dawn in-niċeċ. Saru diversi provi u ġiet installata sistema li l-ispiża tagħha kienet ta' €637.20. L-installazzjoni saret mis-Sur Pawlu Busuttil, flimkien mad-dawl tan-niċeċ tal-Ecce Homo u l-Madonna tal-Lourdes - €12.31 mingħand Tower Ironmongery taż-Żurrieq. Kollox iżżanżan għall-Milied 2020. (**Ara ritratt nru. 12**)

**Tiswija u nduratura ta' 3 Settijiet ta' Gandlieri**

Lejn nofs Novembru 2020, is-Sur Joseph Gatt mill-Birgu tana lura sett ieħor ta' 6 Gandlieri li se jservu bħala Gandlieri għal fuq l-Altar tal-Kappella ta' Santa Marija, bl-ispiża tkun €3,300. Magħhom lesta wkoll 3 gandlieri oħra biex jintużaw f'okkażjonijiet oħra, bħal żmien il-Milied u żmien il-Għid, bl-ispiża tkun €1,650.

L-Iskultur Joseph Bugeja tas-Siġġiewi ġie mitlub jaħdem kurċifiss biex jiġi indurat pariġġhom u jitpoġġa fin-nofs tagħhom, fuq is-sottokwadru. Ġie mitlub ukoll jirranġa 4 gandlieri fejn jidħol injam. Kollox ġie jiswa €260. Is-Sur Sebastian Aquilina tad-ditta Joseph Aquilina ta' Ħal Qormi ħadem ir-raġġi għas-salib tal-kurċifiss ta' Santa Marija bl-ispiża tkun ta' €78. (**Ara ritratt nru. 13**)

Lejn l-aħħar ta' Diċembru 2020, is-Sur Jason Pace mill-Belt Valletta tana lura s-sett gandlieri indurat mill-ġdid li jintrama għal kuljum fuq l-altar tar-Rużarju, bl-ispiża tkun €3,800. Is-Sur Anthony Abdilla kien ħa ħsieb ifassal u jaħdem 7 bażijiet tal-injam għalihom flimkien mal-pajpijiet biex iservu bħala xemgħat waqt li s-Sur Josef Mifsud flimkien ma' ħuh Charlot ħadu ħsieb il-wiring, il-holders u l-bozoz. Iżżanżnu f'posthom lejn il-bidu ta' Jannar 2021. (**Ara ritratt nru. 14**)

# St. Paul's Dental Clinic

Dolmen Street, Safi

Tel: 27560272 Mob: 79092400





A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.

pasteur
PHARMACY

a: Triq it-Tellerit, Safi. SFI 1621
e: pasteur@onvol.net | t: 21/27689944

opening hours:
8.00am to 1.00pm | 4.00pm to 7.00pm



Follow us on
Facebook
www.fb.com/pasteurpharmacysafi

Lejn nofs Novembru 2020, is-Sur Joseph Gatt mill-Birgu ġie avviċinat mis-Sur Josef Mifsud biex jirrestawralna s-sett tal-Gandlieri żgħar li jinsab fuq l-altar tal-Kappella taċ-Ċimiterju, li jikkonsisti f'6 gandlieri u Kurċifiss. Is-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb ifassal u jaħdem 6 bażijiet tal-injam għalihom. Dawn tlestew fil-bidu ta' Lulju 2021, bl-ispiża tkun €1,680. Magħhom tlesta wkoll sett ta' 4 gandlieri żgħar li se jitpoġġew fuq is-sekonda tal-Kor, bl-ispiża tkun €1,120. (**Ara ritratt nru. 15**)

Matul din is-sena, is-Sur Vincent Farrugia ta' Ħal Safi ħadem fuq sett gandlieri billi qaxxru u tah il-ġibs meħtieġ ħalli jippreparah biex jarġentah mill-ġdid bill-ħsieb li dan is-sett jibda jintrama fuq l-altar tal-Kor għal żmien il-Milied u l-Festa Liturġika tal-Konverżjoni ta' San Pawl (25 ta' Jannar). Sadanittant is-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb jaħdem il-bukkini tal-injam għalihom flimkien mal-pajpijiet biex iservu bħala xemgħat, filwaqt li s-Sur Josef Mifsud flimkien ma' ħuh Charlot Mifsud ħadu ħsieb il-wiring, il-holders u l-bozoz. Il-ħsieb hu li jkunu lesti u jiżżanżnu lejn nofs Diċembru 2021. (**Ara ritratt nru. 16**)

Bħal dejjem qatt ma tkun lest u għalhekk matul is-sena li ġejja rridu nkomplu nħarsu 'l quddiem, sew biex inlestu xi proġetti fosthom ir-restawr tal-Gandlieri, u sew biex nippreparaw ħalli nidħlu għal diversi proġetti bżonnjużi oħrajn fosthom it-tiswija u l-induratura mill-ġdid ta' 2 ventaltari, ir-restawr ta' xi pitturi fis-sagristija, u fl-aħħar iżda żgur mhux lanqas, dawra estensiva lil-lat estern tal-knisja parrokkjali: il-bjut, l-aperturi (it-twieqi tal-koppla u tal-knisja), il-ħitan b'uħud mill-fili tagħhom li qed jinfetħu, u ġebel li jrid jinbidel. Għal dan il-proġett se nippruvaw niksbu wkoll xi għajnuna finanzjarja permezz ta' fondi Ewropej. Biss ħafna minn dan kollu jiddependi mill-ġenerożità tagħkom, li mhux biss tidher fid-donazzjonijiet finanzjarji, imma wkoll fid-disponibiltà għall-għajnuna volontarja li tingħata.

Nirringrazzja mill-qalb lil dawk kollha li b'ġenerożità u sagrifiċċju jwettqu tant xogħol li ta' kuljum jagħmluh b'tant dedikazzjoni mingħajr ħafna daqq ta' trombi: il-ftuħ u l-għeluq tal-knisja, tal-kappella tal-adorazzjoni, u taċ-ċimiterju, il-ħasil tal-knisja parrokkjali u tal-knisja ta' Santa Marija, u t-tindif taċ-Ċentru u ċ-Ċimiterju, id-daqq tal-qniepen, l-arranġamenti tal-fjuri, flimkien mal-armar għad-diversi ċelebrazzjoniet li jsiru. Grazzi lil dawk li offrew ruħhom bħala voluntieri biex tittieħed it-temperatura u jkollna s-sanitizor meħtieġ għal min jidħol il-knisja, u jitnaddfu s-siġġijiet wara kull ċelebrazzjoni sabiex hekk il-knisja tibqa' post sigur anke f'dawn iż-żminijiet partikulari ta' sfida li għadna għaddejjin minnhom. Napprezzaw aktar għajnuna, u nappella biex kull min jista' jagħti mqar l-iċken sehem, ma joqgħodx lura u ma jibżax jersaq ħa jagħti sehmu.

**GRAZZI KBIRA LILL-VOLUNTIERI U LILL-BENEFATTURI KOLLHA .**




## Ċelebrazzjonijiet tal-Festa f'ġieħ il-Konverżjoni ta' San Pawl 2021



It-Tlieta 17 ta' Awwissu ***Jum l-Ewkaristija***
Fis-6:30pm Quddiesa quddiem il-Knisja ta' S. Marija fejn wara jkollna ħin ta' Adorazzjoni u tingħata l-Barka Sagramentali.
*(Ma ssirx quddiesa fil-knisja parrokkjali).*

Il-Ħamis 19 ta' Awwissu ***Jum it-Tifkira ta' Ħutna l-Mejtin***
Fis-6:30pm Quddiesa fiċ-Ċimiterju biex niftakru f'ħutna mejtin.
*(Ma ssirx quddiesa fil-knisja parrokkjali).*

Is-Sibt 21 ta' Awwissu
Fis-6:30pm Quddiesa għall-erwieħ ta' dawk li mietu fil-parroċċa mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn u għal ħutna mejtin li ħadmu għall-festa.

Il-Ħadd 22 ta' Awwissu
Fl-10:30am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.

# PROGRAMM SPEĊJALI TAL-ĠIMGĦA TAL-FESTA 2021

It-Tnejn 23 ta' Awwissu — ***Jum is-Sejħa Nisranija***

Fis-6:30pm Quddiesa mmexxija minn Dun Tony Pace, bis-sehem tas-Sorijiet Dumnikani, Sorijiet u Reliġjużi mill-parroċċa, u l-Abbatini, u li fiha ssir il-Preżentazzjoni tat-trabi lill-Appostlu Missierna San Pawl.

It-Tlieta 24 ta' Awwissu — ***Jum it-Tfal u ż-Żgħażagħ***

Fis-6:30pm Quddiesa mill-Kappillan Kan. David Farrugia bis-sehem tat-tfal u ż-żgħażagħ li jħobbu l-Festa.

L-Erbgħa 25 ta' Awwissu — **L-EWWEL JUM TAT-TRIDU - *Jum ir-Rabta Pawlina***

Fis-6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk li joqogħdu f'toroq imsemmija jew b'rabta ma' San Pawl, dawk li ġew joqogħdu Ħal Safi u ĦalSafin li joqogħdu f'irħula oħra. Imexxiu jagħmel l-omeliji tal-jiem tat-Tridu, ir-Rev. Dun Gilbert Scicluna, Viċi tal-parroċċa u Bażilika ta' Kristu Re, Paola. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

Il-Ħamis 26 ta' Awwissu — **IT-TIENI JUM TAT-TRIDU - *Jum l-Għajxien Familjari***

Fil-5:00pm Qrar.

Fis-6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk il-koppji li qed jiċċelebraw l-1/10/20/25/30/40/50 sena anniversarju taż-Żwieġ tagħhom, biex iġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom. Imexxi r-Rev. Dun Gilbert Scicluna, Viċi tal-parroċċa u Bażilika ta' Kristu Re, Paola. Wara l-quddiesa kollox bħall-jum ta' qabel.

Il-Ġimgħa 27 ta' Awwissu — **IT-TIELET JUM TAT-TRIDU - *Jum l-Għaqdiet u l-Impenn Nisrani***

Filgħodu Tqarbin tal-Morda fi djarhom.

Fil-5:00pm Qrar.

Fis-6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, flimkien mal-għaqdiet reliġjużi u dawk li jgħinnu fil-ħidma missjunarja. Imexxi r-Rev. Dun Gilbert Scicluna, Viċi tal-parroċċa u Bażilika ta' Kristu Re, Paola. Wara l-quddiesa kollox bħall-jum ta' qabel.

Is-Sibt 28 ta' Awwissu — **LEJLET IL-FESTA**

Fit-8:00am Quddiesa mill-Kappillan Kan. David Farrugia, li fiha jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-*Te Deum*.

Fil-5:00pm Qrar.

Fis-6:15pm Inċensazzjoni tar-Relikwa u Translazzjoni tar-Relikwa ġol-Knisja Parrokkjali stess, minn fuq l-Altar tar-Rużarju għall-Altar Maġġur. Isir il-kant tal-Innu u tal-Antifona ta' San Pawl. Wara jsir il-kant tal-Għasar Solenni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi r-Rev. Kan. David Torpiano, Viċi tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, Valletta.

Fis-7:30pm Quddiesa, ippreseduta mir-Rev. Kan. David Torpiano stess.
Fi tmiem il-quddiesa ser tiġi ppreżentata b'mod uffiċċjali xbieha li żgur hu għażiż għall-Parroċċa tagħna: l-Abbozz li fuqu nħadmet l-Istatwa titulari ta' San Pawl mnaqqax minn Alessandru Farrugia nnifsu, u dan hekk kif jixhed il-kuntratt ta' ftehim li sar quddiem in-Nutar Massimiliano Troisi Menville mill-W. Rev. Kappillan Dun Ġwann Caruana u Mikiel'Anġ Abdilla versu Alessandru Farrugia, nhar l-4/10/1842 fejn (fol. 466v), hemm din ir-referenza għall-abbozz: ***"mirqum u ndurat bħall-mudell li l-imsemmi Sinjur Kappillan Caruana*** *(mis-Siġġiewi u kappillan ta' Ħal Safi għal 40 sena: 1840-1880)*, ***ingħata mingħand l-istess Farrugia, u li għandu jibqa' f'idejn l-istess Kappillan mingħajr ebda argument."*** Il-Familja Saliba li toqgħod is-Siġġiewi, u li dan l-aħħar ġie fil-pussess tagħha, qed jogħġobhom jgħadduh lill-Parroċċa bil-ħsieb li jkun apprezzat u jitgawda aktar minna lkoll.

Sal-10:00pm Minn wara l-quddiesa sa dan il-ħin,
il-knisja tkun miftuħa għal min irid jiġi jinviżta.

Il-Ħadd 29 ta' Awwissu **JUM IL-FESTA**

Fis-6:45am Quddiesa.

Fid-9:00am Quddiesa Solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa,
immexxija mir-Rev. Mons. Karm Camilleri, Monsinjur onorarju tal-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina. Jinseġ il-Paniġierku l-Kan. Dr. Jonathan Farrugia, Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Marija Bambina, Senglea.

Fis-6:30pm Quddiesa ċċelebrata mill-Kappillan Kan. David Farrugia,
Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, bis-sehem tal-Banda San Pawl, Ħal Safi. Lejn it-tmiem, tindaqq l-antifona u tingħata l-barka sagramentali.
Iċ-ċelebrazzjoni tintemm bl-innu ta' San Pawl.

Fit-8:00pm Ħruq ta' Murtali

Sad-9:00pm Minn wara l-quddiesa sa dan il-ħin,
il-knisja tkun miftuħa għal min irid jiġi jinviżta.

***Ġewwa l-Knisja Parrokkjali:***

- Fil-jiem tat-Tridu: Il-Mużika u l-Kor 'Sine Macula' jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M..
- Lejliet u nhar il-Festa - Filgħodu: Tindaqq il-Mużika tas-Surmastrijiet Dr Paolo Nani u Mro Antonio Nani.
Il-Mużika u l-Kor jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M..
- Nhar il-Festa - Filgħaxija: Tindaqq il-Mużika ta' Mro Ray Sciberras F.L.C.M..
Il-banda u s-Soprano Rosabelle Bianchi taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Bugelli A.T.C.L.

***Iċ-celebrazzjonijiet prinċipali ser jiġu mxandra online fuq il-Facebook page tal-Parroċċa.***

# Memorji tal-Festa 2020











# Mhux ġimgħa imma jum











# RAYMOND ABDILLA

## EXPORTER & IMPORTER

## SEED AND WARE POTATOES

*Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-varjetajiet:*

*Patata Bikrija li tinżera f'Ottubru*

**Arizona** *(tal-bikri)*

*Għall-esportazzjoni*

**Santè** – *(bikrija)*
**Alpha**
**Agria**
**Alouette** – *(tal-qoxra ħamra)*
**Arizona**
**Diamant**
**Lavante**
**Paradiso**
**Picasso**




**Fertilizzant tal-aqwa kwalità**

(blu) NPK 12+12+17+M
(isfar) Ammonium Nitrate 27%
(abjad) Ammonium Sulphate 21%
Organic Pellets
Urea 46%

"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi SFI 1615
Tel: 21436594 (Grading Station)
Mob: Raymond - 9949 7980,
Malcolm - 9944 9553, Joanna - 9983 0176
E-mail: abdilla.potatoes@gmail.com

AGRICO

# Rendikont Festa San Pawl 2020

| **Dħul** | | |
|---|---|---|
| Envelopes u Arbural | € | 3,628.50 |
| Ġbir fil-Knisja | € | 460.00 |
| Reklami għall-Fuljett | € | 778.00 |
| Donazzjoni għall-Mużika tal-Festa: | € | 500.00 |
| **Total** | € | **5366.50** |

| **Ħruġ** | | |
|---|---|---|
| Servizzi Liturġiċi | € | 200.00 |
| Mużika ta' Lejliet u nhar il-Festa | € | 200.00 |
| Mużika tal-Festa ta' San Pawl (25 ta' Jannar) | € | 135.00 |
| Elettriku - Konsum + Maħżen tal-Armar | € | 727.59 |
| Printing tal-Ktieb tal-Festa | € | 600.00 |
| Sagristan, pedaġġi, trattamenti | € | 147.30 |
| Bibien Esterni tal-Knisja: Xkatlar u Verniċ | € | 350.00 |
| Restawr u tiswijiet: Gandlieri (x 7) | € | 1000.00 |
| Kiri: 1 Camera + 4 Screens | € | 861.40 |
| Donazzjoni ta' Karità lil 4 Istituzzjonijiet | € | 1000.00 |
| **Total** | € | **5221.29** |
| **Bilanċ** | € | **145.21** |

**ĦAJR:**

- lil min ta' kontribuzzjoni biex kellna festa li tixraq lil San Pawl

- lil dawk li jieħdu ħsieb l-armar u t-tindif tal-knisja u barra, xogħol li jsir volontarjament
- lil dawk li ħadu ħsieb il-ktieb tal-festa
- lil dawk li taw id-donazzjoni tagħhom għall-mużika tal-festa

**X'nixtiequ iktar:**

- li ma tħallux l-envelopes id-dar
- li żżidu il-kontribuzzjoni

# House of Beauty

BY RITIANNE

Triq L-Iskola, Ħal Safi
Tel: 21681499
Mob: 79001391

Opening hours:
Tuesday to Friday 9:00AM till 6:00PM
Saturday 8:30AM till 12:30PM

Treatments offered Include facials, waxing, electrolysis, manicures, pedicures, gelish nail polish, massages, slimming and make up



HOUSE OF BEAUTY BY RITIANNE

GUINOT
INSTITUT • PARIS

EVAGARDEN
MAKE UP ITALY

THALION
CRÉATEUR DE COSMÉTIQUE MARINE

# DR ALEXANDRA GAUCI

**tawgura l-Festa t-Tajba**
**lill-Ħalsafin kollha**

Infakkarkom li qed noffri s-servizz
tiegħi mill-klinika

HealthQi
Family Wellness Clinic

**Tue - Fri (4:00pm - 7:00pm)**
**Saturday (8:30am - 11:30am)**

**77, Triq l-Iskola, Ħal Safi**
**Mob: 9984 0443**




# CAR WASH

- Vacuum Cleaning
- Car Servicing
- Wheel Balancing
- Car Accessories
- Crash Helmets
- Puncture Repairs
- Car Batteries
- Oils & Filters
- Power Tools
- Free Balancing with Alloy Wheels
- Car Batteries with 3 Years Guarantee

*Jawgura l-Festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha.*





*Kan. David Farrugia*

## Pandemija li qed tkiddna



**Rutina li nbidlet kompletament**

L-effett tal-Coronavirus (COVID-19) fuq il-ħajja ta' kuljum tar-residenti ta' Ħal Safi tista' tgħid li kien l-istess bħal dak tar-residenti fil-kumplament tal-lokalitajiet f'Malta. Min-nhar is-Sibt 7 ta' Marzu meta ġie kkonfermat l-ewwel każ ta' coronavirus f'Malta bdew jiddaħħlu numru ta' miżuri bil-għan li jrażżnu t-tixrid tal-imxija fil-pajjiż. U mit-tieni ġimgħa ta' Marzu 2020, bir-restrizzjonijiet li daħlu fis-seħħ ir-rutina tal-ħajja nbidlet kompletament. Ħafna mill-affarijiet li kienu jżommuna okkupati għamlu pawsa twila għal diversi ġimgħat.

Mill-Ħamis 12 ta' Marzu filgħaxija twaqqfet iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fil-knejjes inkluż fil-Knisja Parrokkjali tagħna. L-aħħar quddiesa ċċelebrata għall-pubbliku fil-parroċċa kienet dakinhar fis-7.30a.m. L-Isqfijiet taw lill-insara dispensa mill-obbligu tal-quddies ta' nhar ta' Ħadd. Dan kollu sar fil-kuntest tad-direttivi tal-awtoritajiet tas-saħħa biex ma jiltaqgħux ġemgħat ta' nies u biex l-anzjani u persuni vulnerabbli kemm jista' jkun jevitaw li joħorġu minn darhom. Mit-12 ta' Marzu wkoll ma fetħux l-oqsma tad-duttrina; kemm il-M.U.S.E.U.M. tas-subien kif ukoll tal-bniet, u twaqqaf it-tberik fil-familji, li laħaq sar terz minnu.

L-iskola pubblika tal-lokalità li tifforma parti mill-Kulleġġ San Benedittu għalqet l-bibien tagħha għall-istudenti min-nhar il-Ġimgħa 13 ta' Marzu. Biex hekk is-sena skolastika waqfet ħesrem, bl-istudenti baqgħu jirċievu l-edukazzjoni kif setgħu bit-teknoloġija tal-informazzjoni. Naturalment, l-ordni għall-għeluq tal-iskejjel affettwat tfal u żgħażagħ Ħalsafin li kienu jattendu fi skejjel u istituzzjonijiet edukattivi barra r-raħal bħal skejjel privati kif ukoll tal-knisja, il-Junior College, il-Higher Secondary, l-MCAST, l-Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-Università. Attivitajiet rikrieazzjonali u sportivi ġew sospiżi wkoll. Bl-istess mod ġie affettwat it-tagħlim tal-mużika mill-Banda San Pawl, kif ukoll l-għaqdiet reliġjużi wkoll.

Bosta ħwienet li ma joffrux servizzi essenzjali ġew ordnati jagħlqu. Għalqu wkoll il-każini tal-politika, tal-banda, il-banka tal-lottu, iċ-ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani

u l-librerija pubblika. Min għandu qraba anzjani fi djar residenzjali kellu jiċċaħħad milli jżurhom fiżikament. L-istess lill-pazjenti fl-isptarijiet. Il-ħruġ, ħlief dak tal-bżonn, spiċċa u ħafna nies, minn tfal sa' anzjani baqgħu migbura fi djarhom. Diversi djar servew ukoll ta' post tax-xogħol għal dawk li setgħu jaħdmu bit-telework. Xi ħaddiema, anke jekk ma xtaqux, kellhom jibqgħu d-dar għax il-post tax-xogħol tagħhom inqabad fil-morsa tal-effetti ħżiena tal-pandemija. Dan ħalla effett fuq il-kwalità tal-ħajja ta' xi familji. L-effett kien ċar: anqas nies u karozzi għaddejjin fit-toroq. Il-pjazza, ir-raħal siket aktar, għajr għal xi ħsejjes tat-tpespis tal-għasafar u f'xi ħinijiet filgħaxija għal diversi drabi, xi ħsejjes tal-ħaddiema mid-Diviżjoni għall-Manutenzjoni u t-Tindif li kienu jwettqu xogħol ta' tindif u ffumigar f'toroq, spazji u ġonna pubbliċi.

Mit-Tnejn 4 ta' Mejju 2020 bdew jitnaqqsu r-restrizzjonijiet f'fażijiet differenti, sakemm is-Sibt 13 ta' Ġunju 2020 reġgħu fetħu l-knejjes għall-quddies fost ħafna arranġamenti li kellhom jiġu implimentati fil-knejjes skont linji gwida pubblikati mill-awtoritajiet u b'numri ristretti ta' persuni. Fl-1 ta' Lulju reġgħu fetħu l-ajruport u l-portijiet. Il-ħajja ssuktat f'dik li bdiet tissejjaħ normalità ġdida fejn bdejna nsiru aktar familjari ma' rakkomandazzjonijiet ta' 'distanza soċjali ta' żewġ metri', 'nżommu livell għolja ta' indafa', u 'nilbsu l-maskra jew il-visor'.



**L-impatt fuq il-ħajja tal-parroċċa**

F'dan iż-żmien straordinarju, l-Isqfijiet taw għadd ta' direttivi lill-parroċċi. Għalkemm il-funzjonijiet reliġjużi twaqqfu kollha, inkluż il-quddiesa ta' kuljum u ta' nhar ta' Ħadd, il-Knisja Parrokkjali nżammet miftuħa f'ċertu ħinijiet kuljum għal mumenti ta' talb privat, sew filgħodu u sew filgħaxija, u dan kien jiġi indikat b'xi tokki tal-qniepen li kienu jiksru s-skiet li kien jiddomina r-raħal. F'dawn il-ħinijiet kien ikun preżenti il-Kappillan biex iqarben lil dawk il-ftit li kienu jattendu u li jitolbu li jirċievu l-Ewkaristija. Il-quddies li l-Kappillan kien iqaddes, issa b'mod privat, beda jsir fil-kappella tas-sorijiet Dumnikani, ħalli almenu l-ħajja reliġjuża ma tkunx imċaħħda mill-Ewkaristija. Il-Knisja ta' Santa Marija wkoll kienet tiftaħ għall-ħinijiet ta' adorazzjoni. Biss ġew sospiżi s-servizzi mill-Uffiċċju Parrokkjali, it-tqarbin tal-morda fid-djar, il-laqgħat tal-kummissjonijiet u l-gruppi, u l-attivitajiet soċjali. Min-nofs Marzu sa' nofs Ġunju, kien hemm ħafna restrizzjonijiet fuq kif jiġu amministrati s-sagramenti. Ħafna miż-żwiġijiet ġew postposti, b'uħud minnhom kellhom jagħmlu dan aktar minn darba, filwaqt li s-sagrament tal-Magħmudija reġa' beda jiġi ċċelebrat mill-aħħar ta' Ġunju 2020, bin-numru tat-trabi fil-parroċċa tagħna jkun ta' 2 kull ċelebrazzjoni. F'dan il-perjodu kellna 6 funerali fejn ir-rit tat-tberik tal-fdalijiet sar fiċ-ċimiterju. Bil-Covid-19 nistgħu ngħidu li mietu 2 persuni: wieħed residenti fir-raħal tagħna, imma li fl-aħħar xhur tiegħu kien l-Ingilterra, u l-persuna l-oħra tiġi omm ta' residenta f'Ħal Safi.

**Liturġija differenti mis-soltu: Permezz tal-mezzi tax-xandir u online**

Ta' wens għal ħafna kienet il-media, speċjalment dik soċjali, l-aktar bil-quddies li beda jixxandar f'diversi ħinijiet fuq stazzjonijiet televiżivi varji, u tispikka fosthom kienet u għada dik tal-Isqfijiet. Il-paġni ta' facebook tal-parroċċi, inkluż dik tagħna, wkoll saru sors ta' informazzjoni, b'ritratti, u posts. Il-kappillan apparti li jtella' xi links fl-avviżi online kien jibgħat xi emails b'materjal spiritwali minn żmien għal żmien. Mit-Tridu tal-Għid 'il quddiem beda wkoll iwassal ħsieb kull nhar ta' Ħadd fuq il-Liturġija li kienet tiġi ċelebrata, u dan sal-Festa tal-Qalb ta' Ġesù 2020, il-jum li fih saħansitra saret purċissjoni qasira bis-Sagrament, bis-sehem ta' uħud mill-Fratelli tas-Sagrament, b'radd il-ħajr li ġimgħa qabel il-knejjes tagħna kienu reġgħu tħallew jiftħu b'diversi miżuri li jiggarantixxu protezzjoni lil min jattendi. Iżda jekk ħsibna li konna ġejjin għan-normal, l-aħħar nofs tar-Randan, il-Ġimgħa Mqaddsa, u l-bidu ta' Żmien il-Għid 2021, ukoll kellna nerġgħu ngħixuhom b'mod limitat ħafna uhekk il-funzjonijiet sbieħ ta' dawn iż-żminijiet ma sarux bħas-soltu. In-nies għal darb'oħra kienu mħeġġa jsegwu u jgħixu dawn il-mumenti fi djarhom. Hawnhekk il-parroċċa, wara li mill-Knisja Parrokkjali xandret il-quddiesa tal-25 ta' Jannar, Festa Liturġika ta' San Pawl, kif ukoll dik ta' Ras ir-Randan, għamlet xandir biex twassal l-Eżerċizzi li kienu jsiru kull nhar ta' Erbgħa, kif ukoll il-mument ta' talb dwar is-7 Duluri ta' Marija u wara l-Quddiesa


The Fruit Tree
35, Triq il-Bronja, Zurrieq Tel: 21647657 Mob:79926196
Prop. Joseph Scerri
Daily Fresh Fruit & Vegetables
Mon
(8:30 - 12:30), (16:00 - 19:00)
Tue, Wed, Fri
(7:00 - 12:30), (16:00 - 19:00)
Thur
(8:30 - 12:30), (16:00 - 19:00)
Sat
(7:00 - 13:00)

tal-festa tad-Duluri. Minn Ħadd il-Palm sal-Ħadd tal-Ħniena Divina 2021, wasslet ix-xandiriet fuq *facebook* kemm tal-quddies u kemm tal-funzjonijiet tat-Tridu tal-Għid, inkluż l-adorazzjoni nhar Ħamis ix-Xirka filgħaxija, u Via Sagra nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

**Katekeżi li ħafna minnha ssir online**

Il-Kappillan flimkien mas-Superjuri tal-Museum kellhom biċċa xogħol mhux faċli biex jorganizzaw kif jistgħu il-laqgħat tal-Katekeżi għat-tfal, speċjalment għal dawk li kien imisshom jiċċelebraw l-Ewwel Tqarbina – li eventwalment ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 26 ta' Lulju 2020 f'quddiesa fl-10:30am – u l-Griżma tal-Isqof li ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 13 ta' Settembru 2020 f'2 quddisiet fid-9:00am u fl-10:30am. Il-laqgħat ta' preparazzjoni saru fil-knisja parrokkjali, b'materjal jintbgħat online. Is-sena ta' katekeżi 2020-21 rat l-iżvilupp ta' materjal elettroniku fuq il-pjattaforma *Bekids.com* ipprovduta mill-Arċidjoċesi, u ħafna mill-lezzjonijiet bdew isiru online permezz taz-Zoom, jew l-MS Teams. Il-Kappillan kien iżomm kuntatt mal-Iskola Primarja ukoll b'dan il-mod, apparti xi drabi bil-preżenza fiżika, li kienet tkun limitata ħafna.

**Djakonija aktar bżonnjuża**

Il-parroċċa, flimkien ma' xi inizjattivi tal-Kunsill Lokali, rat li tibqa' qrib ta' min jeħtieġ xi forma ta' għajnuna jew appoġġ fosthom b'telefonati lill-anzjani jew persuni li jgħixu weħidhom u b'azzjonijiet ta' karità, bħal xi ikel li tqassam lill-persuni fil-bżonn. Ħafna minn dawn l-azzjonijiet setgħu jsiru grazzi għall-membri tal-Kummissjoni Djakonija u s-sorijiet Dumnikani, li għalkemm ħafna minnhom għandhom ċertu eta' xorta raw kif għamlu biex ikunu preżenza ta' appoġġ. It-Tqarbin tal-Morda kien ikun ta' wens kbir, speċjlament meta reġa' ġie permess, b'mod speċjali għal żmien il-festi tal-Milied 2020.

**Sehem il-voluntiera**

Bi tħejjija għall-arranġamenti ġodda tal-ftuħ tal-knejjes biex mill-ġdid tkun tista' terġa' tiġi ċċelebrata l-quddiesa, tnaqqsu s-siġġijiet, b'ħafna minnhom jintrefgħu fil-garaxx tas-Sorjiet Dumnikani. Il-parroċċa hi grata ħafna lejn dawk kollha li fil-ġimgħat tal-pandemija baqgħu jagħtu mill-ħin, mill-enerġija u mit-talenti tagħhom b'mod volontarju biex setgħet taddatta għal realtajiet ġodda li ġab il-coronavirus u l-varjanti li tant għadna nisimgħu bihom, u li jitolbu ħafna aktar ippjanar u li xi drabi jkollu jinbidel kollox f'ħakka t'għajn. Biss finalment dan hu li jagħmel parroċċa jimpurtaha mill-komunità, u li jħeġġiġna biex negħlbu l-biżat u nibqgħu nappellaw għal prudenza u biex min jista' jagħti dik id-daqqa t'id li tant tiswa. Sadanittant nibqgħu nitolbu lil Alla biex jagħtina l-qawwa u s-saħħa meħtieġa li nibgħu ngħixu dawn il-mumenti b'fiduċja sħiħa fih!

tj tower ironmongery

*suppliers of:*
Building Materials,
D.I.Y., Power Tools & Hand Tools,
Electrical & Plumbing, Water Heaters,
Grouting, Cement, Lime & Adhesive Products,
Drain Pipes & Fittings,
Galvanised Pipes & Fittings,
Aluminium Ladders, Curtain Rails, Rużuni,
Sanitary Fittings, Garden Tools,
Plastic Chairs & Tables,
Fans, Barbecues, Heaters,









SIGMA PAINT
DISPENSING SYSTEM

- An endless variety of colours to choose
- Available in three different sizes
- Interior & Exterior Paint
- Mixed while you wait

Tower Street, Żurrieq ŻRQ 2360
Tel: 2164 0196
E-mail: sales@towerirmongery.com






FAST, RELIABLE
& AFFORDABLE
Construction Works
Concrete and Form Works
Printed and Stencilled Concrete Paving
Warehouse and Garage Concrete Floor Screeds
Laying of Waterproofing Membrane
Hire of Plant and Machinery
Refurbishing of Pavements
Road Patching Work
J.&K. Contractors Ltd.
102, Triq Il-Hammieri,
Qormi QRM 1505
E:jandkcontractorslimited@gmail.com
T/F: 21447805
M: 99494813 / 99404821 / 9947 9186


MOBILTECH VRT STATION
VRT GHAND GANNI L- ELECTRICIAN
WE ALSO DO:
TYRES AND PUNCTURE REPAIR
BATTERIES
A/C SERVICE
ELECTRICAL PARTS AND REPAIR
INSURANCE AND LICENCE
VRT FOR:
CARS
LIGHT COMMERCIALS
QUAD BIKES
LOW VEHICLES
4 WDS
VALLETTA RD - ZURRIEQ
TEL: 21640466 / 79498465
e mail: mobiltechgarage@hotmail.com

# Mir-Reġistri tal-Parroċċa
(Mill-Festa l-oħra 'l hawn)

**Bdew il-Ħajja Nisranija:**



Emma Tufigno, Elisa Grixti, Jenivelle Briffa, Gianni Bugeja Decelis Lauri, Amber Curmi, Nicolai Mallia, Leah Gauci, Elias Joseph Borg Spiteri, Zack Tonna, Benjamin Caruana, Eliza Schembri, Niya Mangion, Dean Schembri, Aidan Cassar Law, Jamie Cassar, Liam Portelli, Bianca Baldacchino, Matteo Azzopardi, Matteo Borg Navarro, Katherine Jane Camilleri, Elijah Jacob Falzon, Isaac Farrugia, Sabrina Maria Dalli, Jade Sciberras, Leah Zammit.

**NIFIRĦULHOM!**



**Għamlu l-Ewwel Tqarbina – 30 ta' Awwissu 2020:**
Benjamin Paul Zammit

**Għamlu l-Ewwel Tqarbina – 30 ta' Mejju 2021:**
Dezaive Caruana, Dezhan Deletic, Sheldon Farrugia, Alexander Fenech, Dejan Micallef, Lionel Mifsud Zammit, Zane Pulis, Yan Schembri, Waylen Sciberras, Renè Tanti, Chezney Agius, Ana Baldacchino, Mariah Borda, Julia Rebecca Brincat, Eliza Busuttil, Martina Cutajar, Chelsea Magri, Leah Pulis, Amie Rapa.

**NAWGURAWLHOM!**

**Irċevew il-Griżma tal-Isqof – 13 ta' Settembru 2020:**



Eman Bellia, Cain Cachia, Danny Cutajar, Matthias Dalli, Thomas Dingli, Jerome Farrugia, Kane Grech, Gary Schembri, Warren Schembri, Alexei Sciberras, Gabriel Sciberras, Ivan Sciberras, Chad John Scicluna, Jan Spiteri, Cayden Zammit, Jake Zammit, Cilenia Busuttil, Maia Cardona, Ilary Deletic, Ella Mifsud Camilleri, Alaiza Pisani, Anthea Seychell, Alicia Zammit.

**L-ISPIRTU TA' ALLA JKABBARHOM FIH!**



**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**

Nicholas Mallia ma' Larissa Portelli
Christopher Micallef ma' Rita Attard
Paul Paris ma' Cynthia Zaffarese
Alan Burnell ma' Jessica Camilleri

**NAWGURAWLHOM!**

**Daħlu Jistrieħu fil-Ħajja ta' Dejjem:**



Paul Agius, Paul Vella, Christopher Zahra, Joseph Martinelli, Paul Zammit, Ian Agius, Cecilia Busuttil, Grace Scerri, Mikiel Damato, Catherine Bonello, Catherine (k/a Katie) Busuttil, Marija Debono, Joseph Gauci, Mary Busuttil, Joseph (k/a Żużu) Zammit, Damian Cauchi, Joseph (k/a Żużu) Camilleri, Carmelo Frendo, Vincent Zammit.

**NITOLBU GĦALIHOM!**




JOSEPH GATT
GOLD - SILVER
GILDER (INDURATUR)
Block 2, No.9
Old Governor Palace Street,
Vittoriosa
Tel: 2166 4242
Mob: 9986 0648
GĦAL
KULL TIP
TA'
NDURATURA
FI DJAR
U
KNEJJES


George Zammit & Sons
RELIGIOUS ARTICLES SUPPLIER EST 1954
• Pjaneti
• Rigali
• Kalċijiet
• Sferi
• Ikoni
• Xemgħa Likwida
• Damaski
146, Old Bakery Street
Valletta VLT09 - Malta
Shop: 2123 2933
Mob: 9985 6842
Find us on Facebook
OPENING HOURS
Monday to Saturday 09.15 - 13.00
gzamson@onvol.net - www.religiousshopmalta.com

# Little Profit Bazaar

## Safi

Underwear, Women's and men's wear, Children's wear

Shoes and toys, Stationery and photocopies, Household products

**Mob: 9940 7318 - 9925 5387**

*Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha*



# Il-Warda
flower shop



Floral Arrangements for

- Weddings & Special Occasions
- Fresh Flowers Daily & Delivered
- Gift Ware
- Pottery
- Dried Flowers
- Souvenirs & Much More

94, Triq ix-Xitwa QORMI • **Tel: 2149 2626**

# AVVIŻ - BUKKETT LI MA JINXIFX

Napprezzaw li matul il-jiem tal-festa,
apparti li jingħataw bukketti ta' fjuri friski,
nagħmlu wkoll il-**bukkett li ma jinxifx**,
jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta
li mhux biss issebbaħ, imma li tibqa' titgawda wkoll.

Din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx se jmur b'risq it-tkomplija tar-restawr tal-gandlieri, ir-restawr ta' 2 ventaltari, ir-restawr ta' 3 kwadri fis-sagristija, u r-restawr tal-lat estern tal-knisja: twieqi tal-koppla u tal-knisja, bjut u ħitan.

Grazzi tal-ġenerożità tagħkom biex dawn l-inizjattivi nwettquhom.

# ARBURAL

**GĦALL-FESTA NISRANIJA**

**Ix-xahar l-ieħor irċevejtu l-envelop tal-ARBURAL għall-festa u l-karità**

**Is-sehem tiegħek hu IMPORTANTI u TA' ĦTIEĠA KBIRA.**
**Tgħidx: "li aħna nħobbu lil San Pawl" u ma timxix fuq il-passi tiegħu.**
**Ibgħat l-envelop lill-Kappillan fl-Uffiċċju Parrokkjali.**

**GRAZZI! GRAZZI! GRAZZI!**

*Quddiesa kuljum tagħmel il-ġurnata isbaħ.*
*Ġesù l-ħin kollu jistenniena.*

**Ħinijiet tal-Quddies**
**PARROĊĊA SAN PAWL – SAFI**

**Matul il-ġimgħa – 7:30 am u 6:30 pm;**
**Ħdud u Festi Kmandati – 6:45 am, 9:00 am;**
**Filgħaxija – 5:30 pm (fix-xitwa), 6:00 pm (fis-sajf).**

**XAROLLA**
DENTAL CLINIC

Open Monday to Saturday 8.00 - 13.00
Monday to Friday 15.00 - 19.00

facebook.com/xarolladentalclinic

164, Triq Matteolo Saliba, Żurrieq ŻRQ 2021
Tel: 2164 1741
xarolladental@gmail.com



## Ritratt tal-Istatwa Titulari ta' San Pawl Ħal Safi



**Ritratt biss**
**12" x 18" €35**
**20" x 30" €70**

**Ritratt u frame**
**12" x 18" €60**
**20" x 30" €110**



Jistgħu jsiru ritratti u frames tal-wiċċ, Il-Bust jew l-istatwa, bradella u l-bankun fuq talba personali.

Għamlu kuntatt mal-uffiċċju Parrokjali dwar dan

Ordna l-kopja tiegħek
1. Mill-uffiċċju Parrokjali
2. Mill-Każin Banda San Pawl, Safi
3. SMS: 79051529
Email: parrocca.safi@maltadiocese.org

**Panewijiet li juru lil San Pawl, li jifformaw parti mill-Gallarija tal-orgni tas-seklu XVI / XVII li kienet fil-Katidral medjevali tal-Imdina, illum fil-Mużew tal-istess Katidral.**





www.parroccasafi.wordpress.com

facebook.com/paroccaHalsafi